MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 342/2010

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 30 ta' April 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono **Dok "A";**
2. Illi a tenur tal-artikolu hamsa (ii) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-komparenti A B obbliga ruhu illi :
   *'Il-partijet jaqblu u jifthemu illi ir-ragel ser ikompli ihallas is-self (home loan) fuq id-dar fl-ammont ta' circa sitta u erbghin elf Ewro (Euro 46,000) u jaqblu illi f'kaz illi huwa jkun moruz f'iktar minn tlett pagamenti konsekuttivi huwa jerga jibda ikun responsabbli ghal hlas ta' manteniment lejn l-ulied fis-somma ta' erba mitt ewro (Euro 400) fix-xahar divisi ugwalment fuq it-tlett titfal minuri';*

3. Illi c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrenti tbiddlu billi iddeterjoraw mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni sal-lum, tant illi huwa tilef l-impjieg u ghadu sal-lum qed jirregistra ghax-xoghol, b'konsegwenza illi l-esponent mhux f'posizzjoni finanzjarja illi ikompli ihallas kemm il-facilita` ta' self u kemm l-ammont ta' manteniment hekk pattwit;
4. Illi l-esponent gie awtorizzat illi jipprocedi f'din l-istanza permezz ta' Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat **Dok "B"**;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara li s-sitwazzzjoni finanzjarja tal-esponent inbiddlet billi huwa m'ghadx ghandu l-istess introjtu ta' meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom hawn fuq imsemmi;
2. Konsegwentement tordna s-sospensjoni mill-obbligu tal-pagament tal-manteniment illi l-esponent ghandu lejn uliedu skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni u dan sakemm u kemm il-darba l-esponent jibqa bla impieg;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimata li hi minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza, l-attur mhux vera mhux qed jahdem izda sabiex jahrab mill-obbligi tieghu ta' manteniment lejn it-tfal tieghu u biex jahrab mill-obbligazzjonijiet kollha li dahal ghalihom skond il-kuntratt ta' separazzjoni, ghamel minn kollox sabiex jitkecca mix-xoghol li kellu mal-*Freeport* u dan kif ser jixduh l-ex-kollegi tieghu;
2. Illi l-attur mhux vera li m'ghandux flus tant illi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ammetta illi l-€1,500 li kellu flus li kien ser ihallas ghal proceduri legali ta' omm il-habiba tieghu Emiliana Micallef u pprefera jhallas l-espejjez legali tal-barranin milli jhallas il-manteniment ta' uliedu;
3. Illi din il-kawza saret sabiex l-attur ikompli bil-krucjata li ghamel kontra martu l-konvenuta b'vessatorjeta' u bil-hsieb biss biex ikidd lill-intimata u lil uliedu stess u dan kif jistghu jixduh fit-tul l-esponenti, ulied il-kontendenti, familjari u hbieb tal-kontendenti;
4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu,

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-qorti ghandha quddiemha talba sabiex tiddikjara li r-rikorrent m'ghadx ghandu l-istess introjtu ta' meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom u konsegwentement tordna s-sospensjoni tal-obbligu tieghu tal-hlas ta' manteniment ghal uliedu skond il-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom tat-30 ta' April 2009 fl-Atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono.

Min-naha taghha, l-intimata topponi ghat-talba hekk kif proposta abbazi tal-fatt li hija tikkontendi li r-rikorrent jahdem u li *di piu'* b'mod deliberat ghamel minn kollox biex jitkecca mill-Freeport fejn kien jahdem sabiex b'hekk jevita l-obbligazzjonijiet legali tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom. Tghid ukoll li r-rikorrent ametta li kien ser ihallas is-somma ta' €1500 ghal terzi u li dawn il-proceduri saru biss bil-ghan li l-intimata tigi vvessata.

**Il-Provi Migbura**

Illi il-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni msemmi u esebit in atti[1] u li jidher li wassal ghall-proceduri odjerni. L-imsemmi kuntratt jghid li f'kaz li r-rikorrent jonqos milli jhallas tlett pagamenti konsekuttivi mill-pagamenti mensili dovuti lill-bank fuq is-self tad-dar gia matrimonjali, allura jerga' jiskatta l-obbligu ta' manteniment tal-istess rikorrent fis-somma ta' erba' mitt ewro (€400) fix-xahar, liema somma hija rapprezentanti f'sehemu mill-manteniment ghat-tlett ulied.

Permezz tal-affidavit tieghu, ir-rikorrent jiddikjara li z-ziju tal-intimata kien heddu li kien ser jaghmel minn kollox biex itellfu x-xoghol tieghu mal-Freeport, tant li jghid li sahansitra baghat xi nies biex jaghmlu ghalih. Dan ma sehhx ghaliex l-istess nies li baghat gharrfu lir-rikorrent ghaliex

[1] Ara a fol 4 tal-process

huma mill-Belt Valletta bhalu. Jirrakkonta kif spicca mkecci mix-xoghol wara li ma kienx mar ghax-xoghol[2] (peress li ma hassux tajjeb wara seduta l-Qorti fejn gie deciz li l-ulied ghandhom imorru ghand ommhom). Ir-rikorrent jghid li kien appella minn din id-decizjoni[3] izda kien kollu ta' xejn. Wara dan kollu, jghid li spicca biex issellef is-somma ta' €5000 biex ihallas il-manteniment u l-kontijiet li halliet pendenti l-intimata. Jispjega wkoll li sussegwentement kien sab xoghol bhala xufier izda hekk kif kien ser jigi impjegat u kienet ser issir id-dokumentazzjoni xierqa, Jesmond Sacco kien infurmah li kien ircieva telefonata fejn gie infurmat li jekk jimpjegah, kien ser isib hsara fil-vetturi tieghu u ghalhekk infurmah li ma kienx ser jimpjegah. L-istess gara meta r-rikorrent sab xoghol ma' Ludwig Scerri De Carlo fejn dan tal-ahhar gie mhedded li jekk jimpjega lir-rikorrent, kienet ser issirlu hsara fil-makkinarju tieghu. Minn dak inhar, ir-rikorrent qatt ma rega' hadem u ghalhekk jghix bl-ghajnuna socjali ta' €94 fix-xahar li minnhom ma jistax ihallas is-somma ta' €400 bhala manteniment, anke in vista tal-kontijiet li jrid ihallas. Jghid li l-intimata tahdem fuq bazi *full-time*, poggiet id-dar gia matrimonjali ghall-bejgh, bieghet il-hanut tal-haxix u llum qed tghix ma' certu Brandon Zammit.

Permezz tal-affidavit taghha, Emiliana Micallef[4] tiddikjara li l-intimata kemm –il darba tenniet li ma kienitx ser thalli lir-rikorrent bil-kwiet u li kienet ser tasal biex tkeccih mill-Freeport.

Doris Cordina[5] tikkonferma li sellfet l-ammont ta' €5400 lir-rikorrent ghaliex kellu jhallas xi kontijiet tad-dawl. Tghid li minkejja l-ftehim li jhallasha permezz ta' pagamenti mensili, dawn bdew isiru xahar iva u xahar le. Tghid ukoll li rega' talabha l-flus izda rrifjutat ghaliex ma kellhiex minn fejn.

[2] Ara d-decizjoni li permezz taghha r-rikorrent gie mkecci mill-Freeport esebita a fol 100 tal-process
[3] Izda r-rikorrent ma jipprezenta ebda dokument li juri dan
[4] Esebit a fol 101 tal-process
[5] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 102 tal-process

Ludwig Scerri[6] jikkonferma li beda jircievi telefonati anonimi fejn kien gie mhedded li jekk izomm lir-rikorrent mieghu kienet ser issirlu hsara fit-trakk, kienu ser igibulu tal-MEPA u li kienu ser jibghatulu wkoll lil tal-Labour Office. Kien ghalhekk li ddecieda li jwaqqaf lir-rikorrent mix-xoghol ghaliex, minkejja li ried jghinu, ma riedx problemi.

John Visanich[7] in rapprezentanza tal-Freeport jikkonferma li r-rikorrent tkecca mill-Freeport abbazi ta' ragunijiet dixxiplinari. Jikkonferma li l-istess rikorrent intavola proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn qed jallega li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ma kienitx wahda valida fil-ligi u li tali proceduri ghadhom pendenti u jesebixxi Dok. SSX1 li huwa l-*file* relattiv ghar-rikorrent liema *file* gie ipprezentat mill-istess Freeport quddiem l-istess Tribunal Industrijali fejn hemm referenza wkoll ghal *warning* precedenti li kien sar lir-rikorrenti u li kien ghadu validu fiz-zmien tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent.

Issir referenza wkoll ghal dokument mahrug mill-Arriva datat is-6 ta' Settembru 2011[8] u li permezz tieghu gie kkonfermat li r-rikorrent attenda ghal *interview* bil-ghan li jsib  xoghol. Sussegwentement, permezz ta' nota esebita f'Novembru 2011, ir-rikorrent jiddikjara li ghandu introjtu ta' €349.10 kull hmistax–il gurnata[9],  *net*.

Permezz tal-affidavit taghha[10], l-intimata taghmel referenza ghall-hajja mizzewga taghhom u tghid li kellhom diversi problemi izda ma tindirrizzax il-kwistjonijiet relatati mal-kawza odjerna ghaliex ma ssemmi xejn dwar l-allegati bdil ta' cirkustanzi tal-istess rikorrent.

---

6 Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 103 tal-process
7 Ara x-xhieda tieghu datata l-31 ta' Mejju 2011 esebita a fol 248 tal-process
8 Esebit a fol 261 tal-process
9 Ara a fol 281 tal-process
10 Esebit a fol 15 tal-process

Christine Camilleri[11] tixhed li r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' Arriva Malta Limited bhala *driver* bejn is-6 ta' Ottubru 2011 sat-13 ta' Frar 2012, b'dan li l-impjieg gie terminat fiz-zmien il-*probation* min-naha tal-Arriva. Ix-xhud tispjega li r-rikorrent intalab jissottometti ruhu ghal test tal-*alcohol* u rrizulta li kien posittiv. Intalab ukoll jiehu test ghal sustanzi ohra, izda filwaqt li kien id-*depot* tal-*buses* biex jiehu dan it-test, ir-rikorrent harab u qatt ma regghu rawh. Hi tesebixxi wkoll *performance record*[12] tar-rikorrent li jinkludi *warning* relatat ma' firma falza u *warning* relatat ma' nuqqas ta' depositu tal-flus tal-biljetti fiz-zmien kif suppost

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Ir-rikorrent jikkontendi li c-cirkustanzi tieghu wara li gie ffirmat u ppublikat il-kuntratt ta' separazzjoni nbidlu u huwa ghalhekk li huwa naqas milli jhallas il-pagamenti mensili relatati mal-facilita' tal-bank. Il-qorti tirrileva li m'ghandha ebda dubju dwar in-nuqqas da parti tar-rikorrent milli jhallas tliet pagamenti *stante* li in atti hemm ittra mahruga mill-bank[13] li jikkonferma dan.

Il-qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha stess datat il-31 ta' Jannar 2011 fejn ghall-perjodu limitat ta' tlett xhur biss irriduciet l-ammont ta' manteniment dovut mir-rikorrent bhala manteniment ghal uliedu fl-ammont ta' €200 kull erba` gimghat, u dan wara li l-istess rikorrent esebixxa numru ta' dokumenti fosthom li hemm arretrati ta' kontijiet kif ukoll iddikjara li qed jippercepixxi s-somma ta' €80 fil-gimgha bhala ghajnuna socjali. Permezz ta' rikors datat is-16 ta' Gunju 2011[14], l-istess rikorrent talab li tali digriet jigi estiz izda permezz ta' digriet datat il-5 ta' Ottubru 2011 tali talba giet michuda[15].

[11] Ara x-xhieda taghha esebita a fol 342 tal-process
[12] Ara a fol 345 – 351 tal-process
[13] Ara Dok. A esebit a fol 62 tal-process
[14] Ara a fol 263 tal-process
[15] Ara a fol 277 tal-process

Issir referenza wkoll ghar-ritratti esebiti in atti mar-risposta intavolata mill-intimata datata l-14 ta' Frar 2013[16] liema ritratti juru lir-rikorrent jiddeverti, jixrob, jiehu *photoshoots* professjonali u fuq kollox jahdem!

Issir referenza wkoll ghad-dikjarazzjoni tar-rikorrent[17] fejn stqarr li ghadda s-somma ta' €500 lill-intimata u li ser jibda jhallas l-arretrati relattivi u ghad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimata permezz tal-avukat taghha fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014[18] fis-sens illi m'huwiex minnu li sar tali pagament *stante* li hija rceviet biss is-somma ta' €400 ghax-xahar ta' Jannar 2014.

Illi jidher car li l-mertu tal-kawza jdur fuq tliet binarji u cioe' (1) l-allegat bdil ta' cirkustanzi da parti tar-rikorrent u li permezz tieghu qieghed jipprova jiggustifika t-talba tieghu, (2) il-principju ta' *pacta sunt servanda* applikabbli wara li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet gie ffirmat u ppublikat u (3) l-interessi supremi tal-minuri li ghalihom huwa dovut il-manteniment in kwistjoni.

Dwar it-tibdil fic-cirkustanzi tar-rikorrent, il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-impjieg tieghu (ghal darba, darbtejn) gie terminat ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-istess rikorrent. Il-fatt li ma marx ghax-xoghol (meta kien jahdem il-Freeport) u l-fatt li kien taht l-influwenza tal-*alcohol* meta kien impjegat mal-Arriva juru li r-rikorrent m'ghamilx hiltu biex izomm l-impjieg tieghu. Il-qorti ma tistax ma tiddeplorax dan l-agir, specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-ulied iridu jghixu, jieklu u jkollhom hajja dicenti. Il-qorti m'hijiex konvinta li r-rikorrent ma jistax ihallas manteniment ghal uliedu (ghalkemm l-ammont ser jigi diskuss aktar 'il quddiem) u dan *stante* li mir-ritratti esebiti jidher car li r-rikorrent kapaci jahdem u jekk irid, jista' jsib xoghol b'introjtu oghola mill-beneficcju socjali li qed jircievi.

---

[16] Ara a fol 329 - 335
[17] Ara l-verbal datat il-11 ta' Ottubru 2013 esebit a fol 356 tal-process
[18] Ara l-verbal esebit a fol 366 tal-process

F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-principju legali *pacta sunt servanda* msemmi aktar 'il fuq u ghall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

"(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***.

(2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

*Ai termini* tal-istess Artikolu, imbagħad issir referenza wkoll ghall-gurisprudenza relattiva ghall-principju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- **Grace B vs Carmel sive Lino Camilleri et** (deciza nhar it-30 ta' Mejju 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili) fejn gie ritenut li "***Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda***";

- **Onor. Edgar Cuschieri nominee vs Perit Gustavo R. Vincenti** (deċiża nhar it-13 ta' Frar 1950 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat li "***gjaladarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skond ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti***";

- **Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** (deciza nhar il-11 ta' Novembru 1997 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) u

- **Raymond Vella, Joseph Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy** (deċiża nhar it-22 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar)

Fejn gie ritenut li "***l-qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, cioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda***";

- **Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited** (deċiza nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell), b'referenza ghal Artikolu 992 tal-Kap. 16 citat aktar 'il fuq gie ritenut li "***strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi***".

Il-qorti thoss li m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'aktar dettal dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-kaz odjern u kif tali intenzjonijiet ghandhom jigu rispettati, u dan ghaliex il-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet huwa car u ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar kif ghandu jigi interpretat. Ghalhekk, gialadarba r-rikorrent huwa moruz fi tlett pagamenti konsekuttivi, allura jiskatta l-obbligu tieghu tal-manteniment.

Dwar il-kwistjoni tal-manteniment u l-ahjar interessi tal-istess minuri li ghalihom wara kollox huwa dovut il-manteniment mertu tal-kawza, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[19]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[20]fejn saret referenza ghal Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

[19]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[20] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-genituri huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet.
Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg (ghalkemm illum il-gurnata l-partijiet huma legalment separati), isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment fir-rigward tal-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u fl-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20.

Il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu tal-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li r-rikorrent abdika totalment mir-responsabbilita’ versu l-ulied u proprju minhabba dan, kif ukoll abbazi tal-fatt li m’huwiex ekwu li l-intimata tibqa’ tmantni lill-ulied taz-zwieg wahedha, li r-rikorrent ghandu jigi ordnat ihallas manteniment ghall-ulied skond kif obbliga ruhu li jaghmel fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni. Ir-rikorrent ma jistax igib bhala skuza l-fatt li tkecca mill-impjieg meta fil-verita’ kien hu stess li gab fuqu tali terminazzjoni.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet,i l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrent fl-*intier* taghhom u tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------